MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 932/2013

**Bird Imports & Exports Limited**

**Vs**

**Serena La Pira**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-30 ta' Settembru 2013 l-attrici talbet il-hlas ta' mija u tletin elf ewro (€130,000) minghand il-konvenuta skond obbligazzjoni li assumiet fi skritturi privati annessi mar-rikors promotur (Dok. A u B).

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet notifikata izda baqghet kontumaci.

Jirrizulta li fil-11 ta' Ottubru 2013 il-konvenuta ffirmat skrittura privata (ara Dok. PV5 prezentat illum) fejn accettat li hi debitrici tal-attrici fis-somma ta' mija u tletin elf ewro (€130,000). Il-kuntratt gie ffirmat ukoll minn Giovanni La Pira bhala debitur

solidali. Ghalkemm dak il-ftehim kien jikkontempla l-hlas ta’ pagamenti mensili, jirrizulta li l-konvenuta hi moruza u fit-termini ta’ dak il-ftehim jidher li ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu. Fil-kuntratt jinghad ukoll: *"It is agreed between the parties to this Agreement that in the event of default on the part of the joint debtors of their payment obligations as stipulated in this Agreement, this Agreement of Constitution of Debt can be used by the Creditor Company as a recognition and acknowledgement of the part of the joint debtors of the debt which would remain and be outstanding at the time when the default in the payment obligations occurs"*.

Fis-seduta tal-lum xehed l-avukat Dr Pio Valletta u giet ukoll prezentata nota ta’ riduzzjoni. Jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-konvenuta hallset is-somma ta’ hamsa u erbghin elf ewro (€45,000), li minnhom is-somma ta’ €7,000 giet imputata ghall-hlas ta’ spejjez u drittijiet legali skond il-ftehim tal-11 ta’ Ottubru 2013. Ghalhekk l-ammont dovut illum huwa ta’ **tnejn u disghajn elf ewro (€92,000)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta’ tnejn u disghajn elf ewro (€92,000) flimkien mal-ispejjez gudizzjarji (inkluzi dawk tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u Gazzetti tal-Gverni) diment li jaqbzu s-somma ta’ €3,500 li l-konvenuta diga hallset (ara l-ftehim tal-11 ta’ Ottubru 2013).**

**Bl-imghax mid-data tal-kuntratt tal-11 ta’ Ottubru 2013**.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------